MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 1108/1995/1

**Bernard u Maria Concetta mizzewgin Murray**

**Vs**

**Richard Tabone u b'digriet tal-11 ta' Settembru 1998 jizdiedu l-kliem " u Claire Newman"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-atturi is-somma ta' Lm235.45 (mitejn hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu) lill-atturi dovuti ghad-danni kkagunati lill-atturi, f'incident awtomobilisitku li sehh fis-16 ta' Settembru 1995 fil-11:00pm Msida By Pass, Msida ghal liema incident il-konvenuti jew min minnhom, li kienu qeghdin isuqu karozzi numri F-5555 (Claire Newman) u N-6746 (Tabone), kienu responsabbli meta l-

karozza tal-atturi R-3788 giet investita tort tal-konvenut jew min minnhom.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-att li gie notifikat bih jindika li l-persuna konvenuta hija Claire Newman (Dok “A”), u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi;
2. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, ghall-incident imsemmi, li fih il-vettura tieghu garrbet hsarat, ma kienx jahti xejn billi kienet l-imsemmija Newman li kienet unikament responsabbli, kif jista’ jigi ppruvat ahjar waqt is-smigh.
3. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess nota a fol 10 tal-atti.

Rat dak verbalizzat a fol 93 tal-atti waqt is-seduta tal-17 ta’ Novembru 2004 in rigward in-notifika tal-konvenuta. Claire Newman (ara ukoll fol 33 u 35 ibid) u dan sabiex in-notifika ssir skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-istess konvenuta giet notifikata b’pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f’wahda lokali (ara fol 38 u fol 96 ibid).

Rat id-digriet moghti fis-6 ta’ Gunju 2006 (fol 102) in rigward notifika ukoll permezz ta’ affissjoni u dan in konnesjoni mar-rikors a fol 101 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar id-dinamika tal-incident in esami gew prodotti s-segwenti provi mill-partijiet involuti:-

a) l-attrici Maria Concetta Murray (fol 57 u fol 61 et seq ibid) spjegat illi meta l-istess incident gara, zewgha, l-attur, kien qed jsuq fil-"by-pass" ta' Santa Venera u hi hasset "daqqa fuq wara", fuq il-genb tax-xellug ta' wara tal-vettura taghhom ossija fuq in-naha tas-sewwieq. Inoltre "minn laqatna ha l-genb kollu fuq in-naha tar-ragel u baqa' sejjer l'hemm". Hi kompliet tghid illi meta dan kien sehh, il-vettura taghhom kienet "fuq il-lane ta' gewwa cjoe …. tax-xellug". Meta rat hekk, hi u zewgha nsegwew il-vettura li kienet habtet ma dik misjuqa minn dan sakemm il-konvenut waqaf u hareg mill-vettura tieghu "… jghajjat u jidghi". L-attrici semmiet ukoll illi "… fil-vicin kien hemm xi habta ohra fejn karozza dahlet go arblu" fejn kien hemm, di gja, il-Pulizija.

Inoltre l-konvenut, olte li ammetta li kien habat mal-vettura tal-atturi, presenti l-Pulizja, kien qal illi "… hi (il-konvenuta l-ohra, Claire Newman) …. kienet involuta fl-incident maghna " in vista li din kienet habtet ma arblu tad-dawl "…. u sabiex jiskapolah, hu dahal fil-karozza taghna".

b) PS 1400 Anthony Farrugia (fol 66 et seq ibid) investiga il-kaz kollu li gara ghall-habta tal-11pm u li fih kienu involuti tlett karozzi, b'wahda biss, tibqa' fuq il-post tal-incident ossija dik bin-numru F5555 tal-marka "Volkswagen Golf" misjuqa mill-konvenuta. L-istess Ufficjal tal-Pulizija, oltre li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz u tal-okkorrenza (fol 69, fol 70 u fol 71 ibid) spjega illi kien jidher illi l-vettura li kienet ghadha f'postha ossija dik misjuqa mill-konvenuta kienet laqtet arblu fuq in-naha tax-xellug taghha, liema arblu "… waqa' fuq karozza, liema karozza … habtet ma' … ohra u dan fuq il-kareggjati l-ohrajn tan-naha l-ohra". Dwar ir-responsabilita tal-incident hadd ma kien ammetta t-tort izda, l-konvenuta kienet tressqet il-Qorti f'proceduri kriminali.

In rigward l-okkorrenza msemmija (fol 71) jidher minnha illi il-partijiet involuti kienu stqarrew "a caldo" kif ser jinghad:-

(i) Il-konvenuta qalet li <u>tilfet il-kontroll</u> tal-vettura taghha u habtet ma arblu tad-dawl li waqa' fuq it-triq.
(ii) Il-konvenut semma' illi kien ra l-vettura tal-konvenuta "<u>niezla l-isfel in-naha</u> l-ohra tat-triq" u dan "tilfet il-kontroll u dahlet go arblu …. Li waqa' ghal fuq il-karrozza tieghu …". Minhabba hekk "…. Huwa laqat karozza numru R 3788 (misjuqa mill-attur) li kienet qed tinsab fil-genb tieghu".
(iii) L-attur "…. Qabel mal-versjoni ta' Tabone" (il-konvenut).

c) <u>Il-konvenut</u>, meta xehed (fol 86 et seq ibid) fis-sustanza ikkonferma dak li kien stqarr lill-Pulizija kif hawn fuq premess waqt li semma illi, wara li ntlaqat mill-artblu tad-dawl hu kien laqat il-vettura misjuqa mill-attur fuq il-genb tas-sewwieq u waqaf madwar hamsa u ghoxrin metri (25m) il-boghod.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-provi kif esposti, jidher evidenti illi l-incident in esami kien gie kagunat minn sewqan traskurat da parti tal-konvenuta, li ghandha tigi kunsiderata bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident. Hu minnu illi l-istess konvenuta qatt ma dehret quddiem il-Qorti sabiex taghti l-versjoni taghha tal-fatti (ara "supra"). Pero mill-provi kif esposti jidher li l-Qorti tista' tistrieh fuq dak li stqarret lill-Ufficjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz u tikkonkludi illi hi kienet li bdiet il-katina ta' cirkostanzi u eventi li gabet il-konsegwenzi kif esposti u dan minhabba sewqan negligenti da parti taghha. Dwar dan jkun sufficjenti li jinghad illi "res ipsa loquitur". Konsegwentement il-konvenut ma jistax jigi ritenut illi, b'xi mod, ikkontirubwixxa jew, kien responsabbli legalment ghall-istess incident a basi tal-fatti kif esposti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-"quantum" pretiz, hu sufficjenti li ssir referenza ghad-dokumenti esebiti mill-atturi u li jinsabu a fol 74 sa fol 84 ibid, minn fejn jidher illi l-ammont mitlub hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Richard Tabone, tilqa l-istess talbiet attrici fil-konfront ta' Claire Newman u:

1. Tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba tort da parti tal-istess konvenuta.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm235.45,0 u
3. Tikkundanna lill-konvenuta, Claire Newman, sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm235.45,0 bl-imghax legali mit-28 ta' Novembru 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------